MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' 24 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1342/2002/1

**George Borg**

**vs**

**Paul Manicolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) rappresentanti bejgh ta’ materjal ta’ bini sabiex dan jintuza fil-bini tal-lukanda Baypoint Radisson, kif ukoll is-somma ta’ mija u disghin liri Maltin (Lm190) f’imghaxijiet dovuti sal-gurnata tal-prezentata ta’ l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur George Borg, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), kif ukoll is-somma ta’ mija u disghin lira Maltin (Lm190) dovuti bhala imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-prezentata ta’ l-avviz.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**